MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2007

Numru 20/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Khaled Elhadi Elbizanti**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 20 tas-sena 2006 kontra l-akkuzat Khaled Elhadi Elbizanti, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap talli bejn Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) u Frar tas-sena elfejn u sitta (2006), Khaled Elhadi Elbizanti kien gej u sejjer Malta minn barra bi skopijiet ta' dhul u traffikar ta' droga f'Malta.

F'dan il-perjodu huwa kien ghamel konoxxenza ma' certu Tarek Jamal li kien jinsab Algerin mizzewweg mara Maltija w joqghod Bugibba, Malta. Kien dan Tarek li kien qieghed jibghat lil Khaled Elhadi Elbizanti hawn Malta sabiex idahhal id-droga hawn u jghaddiha lil terzi persuni hawn

Malta ukoll. Khaled Elhadi Elbizanti kien accetta li jaghmel dan kollu, u tal-istess huwa kien ghal aktar minn darba irceva kumpens u korrisspettiv mill-istess Tarek Jamal.

Fis-sittax ta' Frar tal-imsemmija sena 2006, Khaled Elhadi Elbizanti kien dahal Malta ghal darb'ohra bil-ghan li jimporta d-droga w jghaddiha lil l-istess Tarek Jamal tramite terza persuna dakinhar jew fil-jiem ta' wara, meta kellu jiltaqa' ma' Tarek Jamal jew persuna mhux identifikata barra l-ajruport ta' Malta. Ta' din il-bicca xoghol, Khaled Elhadi Elbizanti kien imwieghed elf Dollaru Amerikan minghand Tarek Jamal biex ikopru l-ispejjez tal-ivvjaggar, u bhala kumpens ta' din l-operazzjoni ta' importazzjoni ta' droga f'Malta.

Fortunatament, meta Khaled Elhadi elbizanti gie biex idahhal id-droga hawn Malta, kif jigi elaborat ahjar fit-tieni kap hawn taht imsemmi, inqabad fil-fatt mill-Pulizija Maltija biex b'hekk din l-assocjazzjoni ta' bejnu u Tarek Jamal fl-importazzjoni u traffikar tad-droga giet sfrattata w intemmet fix-xejn.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Khaled Elhadi Elbizanti sar hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Khaled Elhadi Elbizanti hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi kkunndannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed min hamsin elf lira Maltija

(LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap talli kif ga' allegat taht l-ewwel kap hawn fuq imsemmi, parti mill-mezzi ikkumbinati bejn Khalef Elhadi Elbizanti u Tarek Jamal fl-assocjazzjoni ta' bejniethom fl-importazzjoni u traffikar tad-droga, kienet tikkonsisti filli l-istess Khaled Elhadi Elbizanti jitla' l-Corinthia Hotel, Tripoli gewwa l-Libja u jiehu l-konsenja tad-droga minghand terza persuna injota u jissokta biex materjalment idahhalha f'Malta

Effettivament, f'jum fi Frar tal-imsemija sena 2006, Khaled Elhadi Elbizanti iltaqa' ma' din it-terza persuna gewwa l-Libja. Hemhekk, Khaled Elhadi Elbizanti, bi ftehim u bl-ghajnuna ta' Tarek Jamal, ha konsenja ta' droga mohbija gewwa bagalja kulurita.

Nhar is-sittax ta' Frar, 2006, Khaled Elhadi Elbizanti qabad it-titjira ghal Malta minn Tripoli, bi flight tal-Air Malta KM 697. Hekk kif wasal Malta dakinhar, huwa sab lill-Pulizija Maltija flimkien ma' Ufficjali tad-Dwana jistennewh sabiex jaghmlulu tfittxija peress li l-istess Awtoritajiet Maltin kellhom ga' informazzjoni anonima li persuna fuq dik it-tijira kienet sejra ddahhal kwantita' konsiderevoli tal-medicina perikoluza herojina f'Malta.

Min tfittxija li saritlu fuqu u fuq l-effetti personali tieghu, Khaled Elhadi Elbizanti instab li kellu u li kien dahhal f'Malta kwantita' kbira ta' herojina fil-bagalja li huwa kien qed igorr.

Illi ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.

Illi b’eghmilu l-imsemmi Khaled Elhadi Elbizanti sar hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi importata medicina perikoluza (herojina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Khaled Elhadi Elbizanti, hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi importata medicina perikoluza (herojina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru u multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17(b), 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminal jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap talli dakinhar tas-sittax ta’ Frar, tas-sena 2006, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, appena wasal Malta mill-Libja w in segwwitu ghal tfittxija li l-Awtoritazjiet Maltin ghamlu fuq persuntu, Khaled Elhadi Elbizanti instab xjentement fil-pussess ta’ kwantita’ konsiderevoli ta’ herojina, cirka kilo u nofs, b’purita’ pjuttost gholja, li kienet

mohbija f'bagalja li huwa kien qieghed igorr. Tali kwantita' ta' droga kellha valur potenzzjali minimu, fis-suq lokali klandestin, ta' eluf kbar ta' liri Maltin.

Khaled Elhadi Elbizanti ma kienx xi bniedem li qatt abbuza minn xi droga ossia medicina perikoluza, wisq inqas mill-herojina. Huwa lanqas ma kellu l-hsieb li mal-ewwel opportunita' li jkollu jiddikjara l-pussess tieghu tal-herojina lill-Awtorita' Doganali Maltija u /jew li jaghti f'idejhom l-istess medicina perikoluza.

Illi d-droga herojina hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-imsemmi Khaled Elhadi Elbizanti ma kellux awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga. Anqas kien b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w anqas kien awtorizzat mill-President ta' Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu. Anqas giet id-droga msemmija fornita lill-istess Khaled elhadi Elbizanti ghall-uzu tieghu skond xi ricetta kif provdut fir-regolamenti.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Khaled Elhadi Elbizanti sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht

tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Khaled Elhadi Elbizanti, hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provddut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfisska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(I) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(h), 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat, inkluz li l-akkuzat jigi ddikjarat bhala immigrant ipprojbit u li jinhareg ordni ta' tnehhija kontra tieghu skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum l-akkuzat, mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reat hemm dedott kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqgha jtenni t-twegiba li hu kien hati;

Tiddikjara ghalhekk lil Khaled Elhadi Elbizanti hati :-
1. talli fis-16 ta' Frar, 2006, u fix-xhur ta' qabel din id-data, assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jitraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;
2. talli fis-16 ta' Frar, 2006, importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;
3. talli fis-16 ta' Frar, 2006, kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti

msemmija, b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Semghet ix-xhieda tal-hati u tal-Ispettur Pierre Grech.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti li minnha jirrizulta li fil-11 ta' Frar, 1999, l-hati kien diga' instab hati li nizel l-art jew kien f'Malta minghajr permess minn ghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, u gie liberat b'kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax (12) il-xahar, oltre li kellu jitkecca minn Malta.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Malcolm Mifsud li jinsabu kollha registrati w li jinkludu senjatament is-segwenti w cioe' li f'dan il-kaz kien hemm ammissjoni bikrija; li l-hati kien ikkollabora mal-Pulizija fl-istqarrija li kien ghamel; li hawn, ghalkemm si trattava ta' circa kilo u nofs eroina, l-purezza taghha kienet biss ta' 22% u li l-hati kien diga' ghamel zmien taht arrest preventiv u dan iz-zmien kellu jitnaqqas mis-sentenza eventwali.

Inoltre l-Avukat Difensur issottometta li fix-xhieda tieghu, il-hati kien spjega lill-Qorti c-cirkostanzi ta' mard u bzonn finanzjarju li wassluh biex jaccetta l-offerta li jimporta d-droga f'Malta w li din kellha tittiehed in kosiderazzjoni meta l-Qorti timponi l-piena.

Inoltre l-hati kien ta informazzjoni lill-Ispettur dwar persuna ohra li kienet involuta fit-traffikar tad-droga w ghalhekk kellu jibbenefika mill-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 u jekk wiehed fuq il-parametri stabbiliti minn din il-qorti, l-piena f'dan il-kaz ma kellix tkun ghall-aktar minn tnax (12) il-sena prigunerija.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja illi minkejja s-sitwazzjoni tieghu kemm ghar-rigward ta' mard kif ukoll ta' penurja- jekk stess il-hati kellu

jitwemmen – finalment kien hu li ddecieda w ghazel li jikkommetti r-reati li taghhom ammetta l-htija l-hati w li kienu ta' gravita', li f'dan il-kaz zgur ma kienx applikkabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101, ghaliex l-informazjoni li ta lill-Pulizija ma wasslet imkien. Dan kollu kellu jigi rifless fil-piena.

Qieset li ghalkemm il-piena ghar-reati in dizamina taht l-Ewwel, it-Tieni w it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza hija dik ta' ghomor il-habs, skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-hati, il-kondotta ta' qabel tal-hati, il-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f'kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta'mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.

Ikkonsidrat ;

Qieset li l-hati rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-process u qabel ma giet iffurmata l-gurija;

Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi",** Qorti Kriminali , [24.2.1997] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa",** Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.).

Qieset iz-zmien li hu lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi;

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat dedott taht it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza

u ghalhekk ghall-fini tal-konkors tal-piena ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (Ara **“Ir-Repubbblika ta’ Malta vs. Mansour Muftah Nagem”** (31.10.2002) u **“Ir-Repubbblika ta’ Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag”** (15.05.2003).

Mill-banda l-ohra qieset li l-hati kien qed jimporta go Malta kwantita’ sostanzjali ta’ droga erojina li pero’ l-purita’ taghha kienet ta’ circa 22% .

Qieset ukoll wara li semghet ix-xhieda tal-hati w dik tal-Ispettur Pierre Grech illi l-hati m’ghandux jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 u dana ghaliex kif xehed l-istess Spettur l-informazzjoni li hu ta lill-Pulizija ma wasslet ghall-ebda rizultat u f’kull kaz ma kienitx informazzjoni li setghet twassal biex jittiehdu passi kontra min kien li ssupplixxa lill-hati bid-droga.

Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f’kazijiet analogi recentement biex ikun jista’ jinzamm certu proporzjon u relativita’ fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita’ tar-reat in kwantu l-kwantita’ w purita’ tad-droga mportata, u meta jkun hemm ammissjoni bikrija, w dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita’ f’sentenzi li jirrigwardaw din il-marterja;

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li Rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(aa), (3A)(a)(b)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Kap. 101 u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) w l-Artikoli 14 u 15 tal-Att Dwar l-Immiggrazzjoni (Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta) u l-Artikoli 17, 20, 23, 31 u 533 tal-Kap 9;

Tikkundanna lill-hati Khaled Elhadi Elbizanti ghall-piena ta’ tnax (12) il-sena prigunerija, b’dana li minn dan il-periodu jrid jinqata’ kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li jhallas multa ta’ tmintax-il elf lira Maltin (LM18,000) u, jekk din ma tithallasx minnufieh, tigi awtomatikament konvertita fi’ tmintax (18) il-xahar prigunerija ohra skond il-ligi , kif ukoll li jhallas is-somma ta’ tlett mija w tmintax liri

Maltin u wiehed u tmenin centezmu (LM318.81c), import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati ;

Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga a kura tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b'Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi w b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b'verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta,

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Fl-ahharnett, fil-waqt li tiddikjara lill-hati Khaled Elhadi Elbizanti bhala immigrant ipprojbit, tordna li jinhareg ordni ta' tnehhija tieghu minn dawn il-Gzejjer skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ordni ghandu jigi esegwit appena w biss wara li jiskonta l-piena tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------